

# 'GAETANO KANTA'

## il-pijunier tal-kanzunetta popolari bil-Malti f'egħluq l-għaxar anniversarju minn mewtu

*kitba ta' Noel D'Anastas, B.LAIS (Melit.), M.Mal.Stud (Melit), Dip.LIS, A.Mus LCM*



Bosta jsostnu li l-ilsien Malti huwa aħrax biex jitkanta. Fl-1970, fil-ħarġa ta' Jannar tal-ġurnal 'Għalina ż-Żgħażagħ', Oliver Friggieri argumenta f'ittra lill-editur, li l-Malti huwa ilsien mużikali ħafna u għandu sigrieti kbar ta' ħsejjes.

Friggieri, li fis-sittinijiet kien ukoll jikteb kliem għall-kanzunetti, kien qal hekk: 'Dan ġej l-iżjed minħabba l-fatt li l-Malti għandu ħafna kliem li mhux biss jissillaba ruħu b'mod kurjuż ħafna, iżda wkoll għandu l-qawwiet ta' onomatopeia mill-isbaħ.' Ikompli jispjega li ħafna kliem mhux biss jagħti l-ħsieb, iżda wkoll jagħtik il-ħoss tal-azzjoni li jfisser il-ħsieb. Jgħid li fil-qasam tal-mużika ħafifa hemm għalqa kbira f'idejn il-gruppi li jafu jħaddmu l-kelma Maltija (1). Kien qed jirreferi għall-*beat groups* ta' dak iż-żmien, bħal The Malta Bums li diġa kellhom suċċess kbir bil-*Viva Malta* u anke l-Followers fost oħrajn.

Għaxar snin qabel, kien tfaċċa 'Gaetano Kanta' li kien jaddatta l-ilsien vernakulari b'mod tajjeb u sabiħ fuq il-mużika ta' kanzunetti magħrufa Taljani, l-aktar dawk ta' Sanremo, u kanzunetti Ingliżi u Amerikani li kienu qed jagħmlu suċċess.

Ismu propja, Gaetano Buttigieg, jitqies bħala l-pijunier tal-kanzunetta popolari bil-Malti li propju din is-sena taħbat l-għaxar anniversarju minn mewtu. Missieru, Francesco Buttigieg (1881-1942) li trabba u għex fil-Ħamrun kien il-fundatur tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu fl-1906 meta kellu 25 sena.(2)

Gaetano, imwieled il-Ħamrun fis-17 ta' Jannar 1923, huwa fost it-tmien ulied ta' Francesco u Maria Assunta, xebba Deguara. Kien apprentist fid-Dockyard u wara sar skrivan. Gaetano trabba ġo familja Kattolika ferventi, tradizzjonali u konservattiva. Missieru kien jirreċita r-ružarju fil-knisja parrokkjali tal-Ħamrun. Huwa l-każ li Francesco kien semma lil ibnu Gaetano għall-imħabba li kellu lejn San Gejtanu u l-Providenza tiegħu. Gaetano kien jattendi 'Il-Lega' fil-Ħamrun immexxija mis-superjur Melinton Xerri, katekist dedikat li minnu ħa bosta valuri sbieħ. Gaetano kien ukoll katekist li miegħu kien hemm ukoll it-tabib Anton Grasso.





Huwa magħruf li Gaetano Buttigieg kien strumentali biex fil-Marsa ngħata l-bidu għall-Azzjoni Kattolika. Fil-fatt kienu Gaetano Buttigieg u Anton Grasso li fuq it-talba tal-Patri Kappuċċin Anġeliku Mizzi, ħu Nerik Mizzi (1885-1950), Prim Ministru ta' Malta għal tlett xhur biss fl-1950, kien inġab il-permess mingħand is-superjur Melinton biex jibda jingħata t-tagħlim fil-Marsa. Dawn bdew jiltaqgħu fil-kantina ta' taħt il-knisja parrokkjali tat-Trinità.

It-tfulija ta' Gaetano kienet f'ambjent ta' mużika imdawwar fix-xenarju tal-impenn li kien jagħti missieru lill-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu li wkoll magħha kien idoqq. Francesco kien magħruf bħala kurunettista tajjeb. Ġużeppi, wieħed minn uliedu kien idoqq il-kwartin. Fid-dar ta' Francesco, f'numru 52D, Triq Fra Diegu, eżatt quddiem il-post fejn Dun Ġorġ Preca kien fetaħ l-ewwel qasam tal-MUSEUM, kienu jinżammu l-kunċerti tal-banda.

## Sostenitur tal-kanzunetta bil-Malti

Gaetano kien tħajjar jibda jkanta fuq l-inizjattiva ta' Frans Buttigieg, xandar tar-Redifussion. Dan ġara meta Gaetano kien mar ir-Redifussion jagħmel appell għall-fiera li kienet se ssir b'risq il-missjoni tal-Kappuċċini f'Jhansi, belt storika fin-naħa ta' fuq tal-Indja. Għal dan l-appell, Gaetano kien ħa kanzunetta bit-titlu ta' *Il-Missjunarju* li kien addatta huwa stess fuq mużika ta' *Bongo Bongo* u kien impressjona lil Frans Buttigieg li ħajru jkanta.

Gaetano Buttigieg ta sehem kbir għall-iżvilupp tal-kanzunetta bil-Malti - 'anke bil-lingwa tagħna nistgħu nesprimu ruħna b'mod simpatiku fuq in-noti tal-mużika' kien sostna fl-ewwel ħarġa ta' kotba ċkejkna li kien jippubblika bil-versi tal-kanzunetti addattati għall-Malti, bit-titlu 'Kanzunetti Popolari'. Il-Prof. Manwel Mifsud mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta jirrimarka li Gaetano 'Kanta' 'għolla l-prestiġju tal-Malti' u ppopolarizzaħ b'mod effettiv.

Il-kanzunetti kien ikanthom l-aktar fis-swali tal-kappillan waqt il-festini għat-tfal u f'serati ta' divertiment għall-familja, xi ħaġa li kienu għamluha qablu bil-makjetti ta' Armando Urso u Charles Clews fil-programm 'Radju Muskettieri'. Kien ukoll attiv fir-riċevimenti tal-British Legion fil-Hollywood. Jibqa' magħruf ukoll għal-versi ta' *Libsa bil-Barnuż*, il-verżjoni Maltija tal-*Jingle Bells* li kien addatta fl-1959. Gaetano Buttigieg kiteb ukoll diversi melodiji, fosthom *L-Akbar Ħabib* u l-innu tal-iskola primarja ta' Ħal Għaxaq.

Il-kanzunetti addattati bil-Malti kellhom laqta mexxejja bi stil ferrieħi u umoristiku, nodfa mid-doppju sens. Kien isemmagħhom fil-programmi tar-Rediffusion 'Nofs siegħa ma' Tony Agius' u f'dak ta' Mons Mikiel Azzopardi, 'Is-siegħa tal-Morda'. Ma' Gaetano kien hemm idoqq il-pjanu Edward P. Tagliaferro li f'mewtu kien għamillu nekroloġija ppubblikata fuq it-*Times of Malta* ta' nhar is-6 ta' Marzu, 2004. Tagliaferro li kien beda jdoqq il-pjanu f'dan il-programm ta' 14-il sena fl-1957, isemmi li kemm-il darba akkumpanja lill-kantanti Victoria Briffa, Josie Pace (wara sar magħruf bħala Ray Ritardo), The Four Links u Carmen Scerri u oħrajn li kollha kienu jkantaw bit-Taljan jew bl-Ingliż. Iżda Gaetano Buttigieg kien ikanta bil-Malti.

Aktar tard fis-sittinijiet, Gaetano kien jinstema' fil-programmi tat-tfal fuq ir-Rediffusion preżentat minn 'Iz-Ziju Salv u n-Nannu Pepp' u wara fuq it-televiżjoni fil-programm 'Fuq min Tiġi jkun Sultan'. Ħafna mill-kant tiegħu ma ġiex ippubblikat għalkemm fil-bidu ta' dan is-seklu wħud minn dawn il-kanzunetti kienu qed jinħarġu f'serje ta' cassettes u kotba minn bintu Mary Anne Zammit.




Gaetano Buttigieg jiddiskrivi lilu nnifsu bħala 'awtur u kanzunettista Malti'. Ħafna minnhom kien jiġborhom u joħroġhom f'kotba żgħar. Bejn l-aħħar snin tal-ħamsinijiet u l-1965 ħareġ ftit aktar minn għoxrin bit-titlu ta' 'Suċċessi' u 'Kanzunetti Popolari'. Kellhom stennija kbira minn ħafna dilettanti, anke qalb l-emigranti Maltin abbonati. Dan huwa evidenti fil-ktejjeb 'Suċċessi' Nru.11 mitbugħ fl-1961.

Gaetano kien qed jaddatta l-era taż-żmien f'dak rifless fis-soċjetà Maltija, aspetti tal-ħajja, id-divertiment u l-passatempi, il-moda u l-mużika. It-trobbija konservattiva tiegħu tinħass sew fil-kliem li kiteb fejn stmerra l-ballijiet, ir-rock'n'roll u t-*Teddy Boys*.

## Kif ħasibha fuq it-*Teddy Boys*

Meta f'Malta daħal ir-Rock'n'Roll, Gaetano kellu madwar 34 sena. Il-progress soċjali u ribelluż tal-ħamsinijiet li kien qed jinfiltra fiż-żgħażagħ Brittaniċi imperċa għall-kultura popolari u r-ritmu tar-Rock n Roll Amerikan, wassal biex bdew jinħolqu attivitajiet ta' divertiment aktar liberu u sotto-kulturali. Minn fost il-klassi tal-ħaddiema bdew ħerġin it-*Teddy Boys*. Kien żvolġa l-faxxinu għall-iskiffle groups. Kulħadd kien qed jitkellem fuq is-suċċessi ta' Elvis, Buddy Holly, Jerry Lee Lewis, Pat Boone, is-Shadows u Cliff Richard. Ir-*Rock Around the Clock* fil-films Amerikani 'Blackboard Jungle' u 'Rock Around the Clock' ta' Billy Haley and His Comets ta' nofs il-ħamsinijiet ħoloq paniku morali fejn ir-Rock n Roll kien identifikat mad-delinkwenza u anke kien kważi projbit minn fuq it-televiżjoni u l-istazzjonijiet tar-radju internazzjonali.

Iżda f'Malta l-bużżieqa infaqgħet fl-1957 meta l-Arċisqof Gonzi ħareġ l-ittra pastorali tar-Randan fejn ħadha kontra l-eseġerazzjoni ta' taħlit tas-sessi l-aktar fix-xhur tas-sajf, it-*talkies* u l-organizazzjonijiet tal-ballijiet fil-Karnival f'bosta każini u lukandi. Il-Karnival tal-1957 kien l-ewwel darba li kien qed jinżamm Ħadd wara l-Għid il-Kbir, kontra t-tradizzjoni tiegħu ta' qabel ir-Randan. Fl-Ittra Pastorali, l-Arċisqof Gonzi kien irrefera għalihom bħala vulgari u irresponsabbli. Il-kruċjata għal-modestà mingħajr kompromess fl-ilbies magħruf bħala 'Merrylike' kienet fl-aqwa tagħha.

'Randan bil-Jiving' kienet qalet il-*Leħen is-Sewwa*. Uħud mill-karozzi armati fl-isfilata tal-Karnival esprimew sodisfazzjon għaż-żifna l-ġdida, is-sotto-kultura tal-'folk devils' - it-*Teddy Boys*. Kull fejn kienu qed jirfsu, anke fis-swali taċ-ċinema, kienu qed jiksru l-paċi pubblika bl-istorbju moqżież. Xi 'Maltin ta' Londra' taħt il-kappa ta' din is-sotto-kultura, lebsin il-ġgieget tal-ġild u abbundanza kbira ta' *Brylcream* kienu meqjusa delinkwenti f'xi postijiet, anke fiċ-Chalet, f'Tas-Sliema. Nhar it-23 ta' April 1957, il-Vigarju Mons Emmanuele Galea mexa fuq l-istess passi li kien ħa Samuel Stritch, l-Arċisqof ta' Chicago fl-aħħar ta' Frar ta' dik l-istess sena.(3) F'ċirkulari li nqrat fil-quddies tal-Ħadd, Mons Galea ikkundana r-Rock n Roll.



Gaetano Buttigieg tratta r-Rock n Roll f'bosta mill-kanzunetti addatti minnu. Kien qed jiffoka fuq l-era ta' żmienu, l-istili mużikali, l-influwenza morali li kienet qed tħalli, u l-moda, bħal *Ue' Ue' Tat-Teddies* (fuq il-mużika ta' *...Ue...Ue... Che Femmene*); jew *Teddy Boys ... Juke Box* (Rock ta' Gaetano Kanta), jew *Teddy Boys (Seventeen)*. ċertu kliem beda dieħel fil-lessiku Malti, bħal kelma 'sissy'.

Refrain:
Elvis Presley, Celentano
Il-Calypso, Rock'n Roll
Dawn it-Teddies 'Merikano
Jaqbżu, jiżfnu, jduru lkoll
Jazz u briju, dik l-orkestra
Kollhom storbju jallegraw
Viva l-Juke Box qisha festa
Ilkoll jgħajtu u jkantaw.
*Teddy Boys ... Juke Box*

Dat-Teddy Boys... jaħlu l-ħin
Studju xejn, imgerfxin
Kollhom ħolm, u thewdin
Daqsxejn sissy mhux keshin
*Teddy Boys*

F'*Ibqa' Kif int Gżira Maltija* (fuq mużika ta' *Sarra'... Chi sa*), jitlob biex Malta tibqa' żżomm il-fidi tagħha. Huwa jikkritika bl-aħrax il-ballijiet li kienu qed jinżammu fil-lukandi u l-*music halls* u jgħid li dawn ġabu rovina u ħajja rvellata fl-ulied - l-istess eku bħal ma kien qal l-Isqof Mikiel Gonzi fl-Ittra Pastorali tar-Randan tal-1957. Fir-refrain ta' *Spiċċaw il-Ballijiet* (fuq mużika ta' *Mariti in città*), jgħid hekk: 'Kemm gwaj u kemm inkwiet, Riżultat tal-Ballijiet... O Malta 'Bona' - Kemm qed tistogħna...'

F' 'Kanzunetti Popolari', Gaetano ħass il-polz tal-Maltin u dak li kienet għaddejja minnu s-soċjetà, bħal *Kulħadd iġemma t-tappijiet*. Il-logħba futbol bejn Malta u l-Awstrija, l-ewwel konfront internazzjonali għal Malta semmiha bi prominenza f'waħda mill-kanzunetti tiegħu. Din hija addattata fuq id-diska *Casetta in Canada* ta' Carla Boni ta' Sanremo, 1957.

F'*Kingsway Valletta*, fuq mużika ta' *Valtzer Della Strada* ta' Luciano Tajoli maħruġa bħala B-side ta' *Tango dell'emigrante* fl-1959, Gaetano jieħu ritratt tal-ħajja ta' filgħaxija ta' Triq ir-Repubblika - dak iż-żmien Kingsway jew Strada Rjali - li kienet miżgħuda bis-suldati u l-baħrin, turisti u Maltin, il-jazz u l-kant fi Pjazza Reġina u ż-żewġ każini, dak tal-La Valette u l-King's Own. *Fi Pjazza Reġina* (fuq mużika ta' *Ciao Ciao Bambina*) jirreferi għall-kanzunetti Taljani, Naplitani u Amerikani li kienu qed jindaqqu quddiem il-*Premier* mill-baned ta' Oscar Lucas, Vinny Vella u oħrajn. Jagħti wkoll ix-xenarju ta' *Tas-Sliema* (fuq il-mużika ta' *Non Lassa' Surriento*) u *Il-Bajja ta' Marsalforn* (fuq il-mużika ta' *Stessa Spiaggia Stessa Mare*).

### Sens ta' Identità Maltija u Patrijottiżmu

Gaetano Kanta ħareġ sens qawwi ta' patrijottiżmu fi *O Gżira tal-Maltin* (fuq mużika ta' *Island in the Sun*) u *Il-Bandiera Maltija* (fuq mużika ta' *Sucu Sucu*): Refrain: 'Aj, aj,aj, din il-Bandiera, ħamra w Bajda tagħna l-Maltin'. Ir-'Religio et Patria' f'Buttigieg tidher ukoll f'xogħlijiet bħal *Lil Malta ta' San Pawl* (1960) li fakkar iċ-ċentinarju Pawlin u *Lil Malta Indipendenti* (1964).

*X'ħajja din tal-Maltin* (fuq mużika ta' *Serenata Desideosa*), Gaetano isemmi l-pożizzjoni ġeografika fil-Mediterran, il-klima, il-port, il-Kristjaneżmu, il-ħakkiema, l-emigrazzjoni, il-knejjes kbar li l-poplu Malti jħossu mkabbar bihom, il-festi kbar bid-daqq u l-isparar, il-kwantità ta' ħwienet u każini, talkies, teatri, u swali. Isemmi ukoll l-lukanda Phoenicia u l-Karnival li jgħinu biex jiżviluppa t-turiżmu.

L-emigrazzjoni, li fil-ħamsinijiet kienet fl-aqwa tagħha, tissemma f'*Arrivederci Malta*, ibbażżata fuq *Arrivederci Roma*, mużikalment ta' Renato Rascel. Referenza oħra għall-emigrazzjoni tidher f'*Hej Ġuż* addattata fuq il-kanzunetta Amerikana, *Hej Joe*.

B'dawn il-kanzunetti addattati għall-Malti, 'Gaetano Kanta' kien qed jagħmel bħal ma kien sar fis-snin erbgħin fejn kanzunetti magħrufa barranin kien qed jingħatalhom addattament b'versi Maltin. 'Il-Varjeta Moderna', ktejjeb żgħir mitbugħ f'Tas-Sliema li kien joħroġ darba fix-xahar huwa xhieda ta' dan. Dawn ġew addattati minn ċertu C. Micallef u ieħor li jġib nom-de-plum 'E.C. Trombone, Player'.

Barra l-kant, Gaetano Buttigieg kien ħareġ għall-politika, iżda ma kellux suċċess. Fl-elezzjoni tal-1966 u 1971, ikkontesta mal-Partit Nazzjonalista fuq l-ewwel distrett li fih kien jiġi elett Dr Ġorġ Borg Olivier. Fl-ewwel dehra tiegħu, kien ġab 261 vot fl-ewwel għadd, filwaqt li fit-tieni tentattiv tiegħu mar agħar, b'145 vot.




Gaetano Buttigieg miet fit-23 ta' Frar 2004, fl-għomor ta' 81 sena.

### 'Gaetano Kanta' jingħata ġieħ

Fil-festival tal-'Għanja tal-Poplu 2001' ingħata rikkonoxximent lil Gaetano Buttigieg għall-kontribut li ta fl-iżvilupp tal-kanzunetta Maltija. Fl-2003, ġie wkoll mogħti 'Ġieħ il-Marsa' mill-Kunsill Lokali.

Fid-19 ta' Marzu, 2014 fit-Teatru Salesjan f'Tas-Sliema, ingħatat tislima xierqa lil dan il-pijunier tal-mużika pop bil-Malti, bit-titlu 'Gaetano Kanta - Mill-Balluta sax-Chalett'. Is-serata kommemorattiva kienet organizzata mill-familja Bezzina, fosthom Dorothy u Gianluca Bezzina, li jiġu n-neputijiet tiegħu. Din ittellgħat bl-għajnuna tal-Għaqda tal-Malti, it-Teatru Salesjan, u r-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropeja f'Malta. Il-Professur Manwel Mifsud ta tagħrif bijografiku b'tant nostalġija.

### Uliedu fil-mużika

Gaetano kien missier tal-familja li dejjem wassal lil uliedu dak kollu li kien jemmen fih. Flimkien ma' martu Ċensina, kellu ħdax l-ulied, sitt subien u ħames bniet - Paul, Silvio, Franca, Joe, Mari Anna, Natalie, Sonia, Tania, Giovanni, u t-tewmin, Michael u Gaetano. Dan jistqarru huwa stess fil-kanzunetta Mill-Balluta sax-Chalet li kien kiteb b'dedika lil martu f'għeluq il-41 sena miż-żwieġ tagħhom.

Sonia Bezzina hija omm il-kantanti magħrufa Dorothy u Gianluca li fl-2013 irrappreżenta lil Malta fil-Eurovision Song Contest u kklassifika fit-tminn post.





Gaetano ħa ħsieb li jgħallem il-mużika lil uliedu. Mary Anne Zammit, waħda minn uliedu li kitbet u ppubblikat bosta kanzunetti, fosthom dawk għall-istudenti, tgħid hekk: 'Kollha tgħallimna xi strument; min pjanu, min accordion, min vjolin... u kollha b'xi mod nużawha għax naħdmu fl-iskejjel u żewġ ħuti l-mużew. Kull min għandu t-tfal għallimnihom ukoll.'




© *Noel D'Anastas, Ġunju 2014.*

Mary Anne tgħid li kienet iffurtunata li fl-1971 fl-iskola Maria Assumpta fil-Ħamrun kien hemm is-surmast Carmelo Abela li għallimha l-vjolinċell. Carmelo Abela kien imexxi l-orkestra tal-iskola u kellu l-Orkestra Malta Żagħżugħa li fiha kienu jdoqqu wkoll ħafna studenti li wara sabu posthom idoqqu mal-orkestra tal-Manoel (MPO).

Mary Anne tkompli tirrakonta li 'mill-iskola ta' Maria Assumpta qbadt il-kitarra ukoll, billi kont nosserva lit-tfal idoqqu u mmur id-dar nikkorda u ndoqq dak li kont nisma' u nara. Kont anke fil-kor, u fil-*prizedays* u wirjiet oħra tal-iskola kont nieħu sehem attiv inkanta fil-kor, indoqq il-pjanu waqt l-*assembly* ta' filgħodu, norganizzaw *mid-day break concerts* fil-klassi u nkantaw xi songs tal-Eurovision, nattendi għar-*rehearsals* tal-*mini musicals* bil-vjolincell.'

Mary Anne Zammit tirrakonta li meta kien ħareġ il-ktieb 'Kordi' ta' David Azzopardi li fih kien hemm tpenġijiet ta' kif tirfes il-kordi differenti. 'F'daqqa waħda, il-kitarra sabet postha fl-għaqdiet, l-iskejjel u l-folk mass li kienet saret popolari fost iż-żgħażagħ. Hi u flimkien ma' ħuha Joe kienu jdoqqu l-pjanu u l-vjolin, u ma' oħtha Natalie, kienet idoqq l-orgni tal-knisja 'a quattro mani'.(4)

***Referenzi***

(1) Oliver Friggieri, 'Kelma lill-grupp 'The Lost Sound', Għalina iż-Żgħażagħ, Jannar 1970 No. 18, p.2.
(2) Sit uffiċjali tal-Għaqda San Gejtanu, Hamrun - http://www.stgaetanbc.com/ (Aċċessat, 13 ta' Ġunju, 2014).
(3) Alan Hanson (Frar 2011) (Aċċessat, 19 ta' Ġunju, 2014).
(4) Kommunikazzjoni elettronika: Mary Anne Zammit lill-awtur, 5 ta' Ġunju 2014.
Mary Anne Zammit ħadet l-edukazzjoni mużikali bħala karriera. Hija ħadet il-mużika bħala suġġett prinċipali (B.Ed. 1978-1982). Waqt l-istess kors kienet kitbet l-ewwel musical Malti bl-isem 'Stennejtek' (storja tal-Iben il-Ħali) li ġie esegwit darbtejn fuq jumejn fl-1980 u fl-1981 fil-knisja parrokjali ta' Birżebbuġa. Is-Surmast Prof. Joseph Vella ta' Għawdex li kien is-superviżur tagħha, laqqgħha ma' Pauline Miceli li wara saret taf lil Charles Xuereb, it-tnejn dak iż-żmien attivi fit-Taqsima Xandir Edukattiv u minn hemm kompliet timraħ f'dak li kienet tikteb u ddoqq.

***Biblijografija***

Noel D'Anastas, Pop music in Malta from the Fifties to the Seventies: In search of a formula for national identity, Teżi tal-Masters preżentata fl-Istitut tal-Istudji Maltin, Università ta' Malta, 2011.

Manwel Mifsud, Profil ta' Gaetano Buttigieg (diskors minn Manwel Mifsud fil-kunċert li sar fid-19 ta' Marzu, 2014 f'Tas-Sliema, 'Gaetano Kanta - Mill-Balluta sax-Chalett').

Mary Anne Zammit, Profil ta' Gaetano Buttigieg (diskors miktub u moqri minn Mary Anne Zammit fl-okkazzjoni ta' Ġieħ il-Marsa mogħti lil Gaetano Buttigieg fl-2003).

http://www.m3p.com.mt/wiki/Gaetano_Buttigieg (aċċessat 17 ta' Ġunju, 2014).

In-Nazzjon 17/1/2003, p.26